**4 ta' Ottubru, 1991**

**Imħallef: –**

**Onor. Anton Depasquale B.A., LL.D.**

Tancred Borg

*versus*

Josephine Mifsud *et*

## Ħtieġa "ad validitatem" tan-Numru taċ-Ċitazzjoni fin-Nota ta' Eċċezzjonijiet - "Folder" Relattiv

*In-nota ta' l-eċċezzjonijiet għandu jkun fiha "ad validitatem" in-numru taċ-ċitazzjoni. In-nota ta' eċċezzjonijiet tikkonsisti wkoll fil-"folder" u fuq dan il-"folder" hemm imniżżel in-numru taċ-ċitazzjoni. Dan il-"folder" għandu jiġi kunsidrat bħala parti integrali tan-nota ta' l-eċċezzjonijiet peress illi ġie preżentat flimkien ma' u bil-ħsieb illi jifforma parti minn-nota ta' l-eċċezzjonijiet. Fil-fehma tal-Qorti l-eżistenza tan-numru taċ-ċitazzjoni fuq il-"folder" hija suffiċjenti sabiex tissodisfa l-vot tal-art. 174 (1) (d) tal Kap. 12.*

Il-Qorti: – Rat l-att taċ-ċitazzjoni fl-ismijiet premessa;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti il-kuraturi l-Avukat Dottor Peter Borg Costanzi u l-Prokuratur Legali Anthony Farrugia fil-kwalità tagħhom premessa;

Rat il-verbal tas-seduta tal-ħmistax (15) ta' Frar, 1991 illi minnu jirriżulta illi d-difensur ta' l-attur talab l-isfilz mill-atti tal-kawża tan-nota ta l-eċċezzjonijiet ta' l-imsemmija kuraturi peress illi din hija nulla stante li fiha ma hemmx imniżżel in-numru taċ-ċitazzjoni;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jibbaża t-talba tiegħu in eżami fuq dak illi jiddisponu l-artikoli 174 (1) (d) u 789 (1) (d) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12;

L-imsemmi artikolu 174 (1) (d) jiddisponi hekk:

"Kull skrittura għandu jkun fiha -

jekk l-iskrittura tkun tirriferixxi għal kawża ġa mressqa f'waħda mill-qrati superjuri, in-numru tal-Libell jew taċ-ċitazzjoni li għalihom tkun tirriferixxi";

L-artikolu 789 (1) (d) tal-Kap. 12 jiddisponi hekk:

"L-eċċezzjoni ta' nullità ta' l-atti ġudizzjarja tista' tingħata

Jekk l-att ikun nieqes min xi partikolarità essenzjali meħtieġa mill-liġi espressament";

La darba in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-kuraturi l-Avukat Dottor Peter Borg Costanzi u l-Prokuratur Legali Anthony Farrugia tirreferi għaċ-ċitazzjoni fl-ismijiet "Tancred Borg vs Josephine Mifsud et", ġa mressqa f'din il-Qorti qabel il-preżentata ta' l-istess nota ta' eċċezzjonijiet, liema ċitazzjoni għandha in-numru 623 / 90, din in-nota ta' eċċezzjonijiet, ai termini taċ-ċitat artikolu 174 (1) (d) tal-Kap. 12 għandu jkun fiha "*ad validitatem*" dan in-numru taċ-ċitazzjoni;

L-attur qed jippretendi illi n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-kuraturi hija dik biss illi tidher a fol. 20 tal-proċess u illi fuq din-nota ta' eċċezzjonijiet tal-kuraturi ma jirriżultax illi hemm imniżżel in-numru taċ-ċitazzjoni li għaliha tirreferi, jiġifieri 623 / 90;

Il-kuratur Avukat Dottor Peter Borg Costanzi issottometta waqt it-trattazzjoni orali **n-nota ta' eċċezzjonijiet** tiegħu u tal-kuratur l-ieħor ma **tikkonsistix biss f'dak illi jidher** a fol. 20.

tal-proċess, iżda **tikkonsisti ukoll fil-"folder"** a fol. 19 **u illi fuq dan il-"folder" hemm imniżżel in-numru taċ-ċitazzjoni odjerna;**

Il-Qorti taqbel ma' din is-sottomissjoni tal-kuratur, l-Avukat Dottor Peter Borg Costanzi, għaliex tirritjeni illi **dan il-"folder" għandu jiġi kunsidrat bħala parti integrali tan-nota ta' eċċezzjonijiet** tal-kuraturi **peress illi** m'hemmx dubju illi **ġie preżentat flimkien ma' u bil-ħsieb illi jibqa' jifforma parti minn-nota ta' eċċezjonijiet in kwistjoni.** Ma jistax ma jigix osservat illi fuq il-"folder" a fol. 19 hemm stampat b'ittri kbar il-kliem "NOTA TA' EĊĊEZZJONIJIET" u b'ittra iżgħar il-kliem "Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili" u illi, aktar importanti minn hekk għall-finijiet tal-prova illi dan il-"folder" ġie ppreżentat flimkien ma' l-att a fol. 20, kemm fuq il-folder (fol. 19) u kemm fuq l-att (fol.20) hemm timbru tar-Reġistru illi jiċċertifika illi sar il-pagament tad-dritt tar-Reġistru għall-preżentata relattiva u kull wieħed miż-żewġ timbri iġib l-istess numru, jiġifieri 1594;

**Fil-fehma tal-Qorti**, għalhekk, **l-esistenza tan-numru taċ-ċitazzjoni,** 623 / 90 **fuq il-"folder"** a fol. 19 **hija suffiċjenti sabiex tissodisfa il-vot ta' l-artikolu 174 (1) (d) Kap. 12** u, konsegwentement, ma tirriżulta ebda nullita fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-kuraturi;

Għal dawn il-motivi:

Tirrespinġi t-talba ta' l-attur għall-isfilż mill-atti tal-kawża tan-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-kuraturi.